## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. ANTHONY LEE BALDACCHINO (KI. 269286M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13/09/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti  li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil Anthony Lee Baldacchino** **Bin Anthony u Rita nee' Busuttil mwieled fis-07/06/1986 Pieta'**
**u joqghod 11, View Point, Fl 2, Triq ic-Cippi, Marsaxlokk**
**ID: 269286(M)**

**BILLI inti akkuzat/a** talli fis-06/02/2022 ghall-habta ta' 02:30 hrs u fil-hin ta' qabel gewwa Triq tal-Barrani, Zejtun, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCA 754;

1. F`post pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku , kont fi stat ta` sakra b`mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghek innifsek, jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kont tidher bic-car fis-sakra waqt li kellek il-hsieb ta' tfal ta' that is-seba' snin, jew ta' ziemel, bghula jew barrin, jew ta' makni bl-istim jew ta' xi vettura **Sec. 338(ff), Chap. 9**
2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni. **Art. 15(1)(a)(3), Chap. 65**
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz. **Art. 15(1)(a)(2) Chap. 65**
4. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bla kont. **Art. 15(1)(a)(2) Chap. 65**
5. Waqt li kont qed issuq, inqast li jkollok kontroll shih tal-vettura jew hallejt l-imsemmija vettura wahidha, bla ma hadt prekawzjoni xierqa sabiex ma tigix imcaqalqa sakemm kont nieqes jew hallejt l-imsemmija vettura wieqfa fi triq u li setghet kienet ta' inkonvenjent ghall-pubbliku **Reg. 68, L.S. 65.11**
6. Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi **Sec. 15A(1), Chap. 65**
7. Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mil-limitu preskritt **Sec. 15B(1), Chap. 65**

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat it-testimonjanza tax-xhieda ta' PS 1405 Dylan Gerada (affidavit).

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Fil-ġurnata, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat twaqqaf mill-Pulizija fuq suspett raġjonevoli illi dan seta' kien qed isuq taħt l-effett tax-xorb. Skond l-affidavit ta' PS 1405 Gerada, il-Pulizija nfurmatu *"bit-test tal-breathalyser u l-proċedura legali marbuta miegħu, kif ukoll tat id-drittijiet legali kollha lil Anthony Lee bil-fomm, fejn dan irrifjuta li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu ..."*

Skond l-Art. 355AUA(6) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva għandhom *inter alia* jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda. F'dan il-każ ma' jidhirx illi ġiet addottata din il-proċedura u għalhekk ma' jistax jingħad li r-rinunzja kienet waħda inekwivoka jew li kienet "*attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*" (Paskal vs Ukraine – ECtHR 15 September 2011). Għalhekk it-test li sussegwentement sar mill-Pulizija ma' jistax jitqies bħala prova ammissibbli f'din il-kawża u l-ħtija taħt is-seba' imputazzjoni ma' tistax tirriżulta. Lanqas ma' tirriżulta s-sitt imputazzjoni billi ma' tressqet l-ebda prova dwar il-kundizzjoni li allegatament kien fiha l-imputat li ma' kienetx tagħmlu tajjeb għas-sewqan minħabba xorb.

L-imputazzjonijiet numru tnejn, tlieta, erba' u ħamsa huma kollha intimament konnessi mas-sitt u seba' imputazzjonijiet u għalhekk lanqas ma' jirriżultaw.

Finalment ma' nġiebux provi suffiċjenti dwar l-ewwel imputazzjoni.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**